**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 293/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Mark Cauchi**

**Illum 8 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mark Cauchi**, iben John Cauchi u Margaret Cauchi neè Gauci, imwieled Ħ'Attard fid-19 ta' Mejju 1980, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 252880(M), talli fil-21 ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' bejn it-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) u l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) fi Triq Dun Mikiel Vella, Tarxien, jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn vettura pparkjata, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Melvin Cachia u/jew ta' xi persuni oħra;

2. Talli fl-istess ħin, ċirkostanzi, lok u żmien volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Melvin Cachia u/jew ta' persuni oħra;

3. U iktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, u cioè ta' Melvin Cachia, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Mark Cauchi skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u l-familjari tagħhom

ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija tħaddem kontra Mark Cauchi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 15A u/jew 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; (iii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 4 tal-proċess;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 28 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Rizzo mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Mejju 2024[2] u tas-7 ta' Novembru 2024[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KR1" a fol. 35 tal-proċess u Dok. "KRX" a fol. 62 sa' 88 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC350 Christian Darmanin[4] u ta' Melvin Cachia[5] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024 u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru 2024[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT3" a fol. 47 sa' 59 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nicoletta Farrugia, in rappreżentanza tal-Caritas, mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Frar 2025[7] u tas-27 ta' Marzu 2025[8] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "NF" a fol. 114 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Christopher Mercieca, in rappreżentanza tal-Fondazzjoni Oasi, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2025[9], u semgħet ix-xhieda ta' Marica Mifsud, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2025[10] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MM" a fol. 118 u 119 tal-proċess;

Rat id-Digriet mogħti fil-15 ta' Mejju 2025, li bih ġiet miċħuda t-talba ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta[11];

---

[1] Fol. 32 tal-proċess.

[2] Fol. 33 u 34 tal-proċess.

[3] Fol. 61 tal-proċess.

[4] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.

[5] Fol. 39 sa' 41 tal-proċess.

[6] Fol. 45 u 46 tal-proċess.

[7] Fol. 98 sa' 102 tal-proċess.

[8] Fol. 110 u 113 tal-proċess.

[9] Fol. 103 sa' 108 tal-proċess.

[10] Fol. 116 u 117 tal-proċess.

[11] Fol. 121 sa' 127 tal-proċess.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2025 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu b'mod ċar l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha[12];

Rat li waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju 2025, id-Difiża ddikjarat li l-imputat għaddielha l-flus sabiex il-vittma Melvin Cachia jkun jista' jitħallas għad-danni subiti skond kif jirriżultaw mill-provi[13];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-21 ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' bejn it-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) u l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) fi Triq Dun Mikiel Vella, Tarxien, jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn vettura pparkjata, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Melvin Cachia u/jew ta' xi persuni oħra; (2) Talli fl-istess ħin, ċirkostanzi, lok u żmien volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Melvin Cachia u/jew ta' persuni oħra; (3) U iktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Għall-ewwel l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, iżda fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2025, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. A bażi ta' tali ammissjoni u anke a bażi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ammont ta' flus li nsterqu mingħand il-vittma Melvin Cachia kien ta' tlett Euro u ħamsin ċenteżmu (€3.50), hekk kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu[14]. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li mill-provi prodotti[15] jirriżulta li l-imputat qed jagħmel ħiltu kollha sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa għandu u li għandu bżonn iktar għajnuna sabiex ikun jista' jilħaq tali skop. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għadda lid-Difensur tiegħu l-flus sabiex Melvin Cachia jitħallas tad-danni minnu subiti skond kif jiġi determinat b'din is-sentenza.

[12] Fol. 128 tal-proċess.

[13] *Ibid.*

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2024, fol. 39 sa' 41 tal-proċess.

[15] Xhieda ta' Nicoletta Farrugia, in rappreżentanza tal-Caritas, mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Frar 2025, fol. 98 sa' 102 tal-proċess, u tas-27 ta' Marzu 2025, fol. 110 sa' 113 tal-proċess.

Għaldaqstant wara li rat u kkunisdrat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278(4), 289, 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, b'mod partikolari l-fatt li l-imputat qed jagħmel ħiltu kollha biex jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa għandu u dispost iħallas id-danni minnu kawżati lil Melvin Cachia, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' tlett snin (3) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil Melvin Cachia s-somma ta' tmenin Euro (€80) rappreżentanti l-valur tal-ħsarat kawżati fil-vettura ta' l-għamla Maruti bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBO-659. Il-ħlas irid isir fi żmien massimu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva appena imposta fuqu b'din is-sentenza.

Peress illi l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, il-Qorti, b'żieda ma' l-Ordni ta' Superviżjoni impost fuq l-imputat, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta'

Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Trattament u skond il-kondizzjonijiet elenkati f'dak id-Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**